MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2007/2002

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Carlos Cardona**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tlieta u sittin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm163.66) rappresentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 99453755.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz u bl-imghaxijiet mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Michael Grech ghan-nom tas-socjeta attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mija u tlieta u sittin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm163.66), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma’l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------